Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA\` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 – It-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-5.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 20, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 26/9/2013 – *Stakeholders meeting* fuq Kemmuna u l-gżejjer ta' madwarha. Is-SE bagħtet ir-rapport ta' din il-laqgħa li rċieva l-Kunsill mill-ADI Ltd lil kull kunsillier. Għal din il-laqgħa li saret fil-Każin tal-Banda, attendew is-Sindku, Franco Ciangura u Larry Buttigieg.

   - 15/10/2013 – Joseph Scicluna ltaqa' mas-Sindku u SE fejn huwa spjega li s-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo jixtieq jgħin lit-*team* tas-*Softball* billi jiffinanzja l-spejjeż biex tinbena gaġġa fejn it-tfal ikunu jistgħu jużaw il-magna tas-*softball.* Joseph qed jitlob lill-Kunsill biex jagħti l-approvazzjoni

tiegħu biex din il-gaġġa titpoġġa fil-*parking* jew fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru. Il-Kunsill issuġġerixxa li din titpoġġa f'Ta Passi, wara l-bini tal-għar.

- 17/10/2013 – ittra mill-Plant Health Department fejn informat li l-Kunsill naqas mill-obbligi tiegħu milli jbexx il-palm 6 darbiet f'sena. Il-Kunsill qabel li dawn jitbexxu kull xahrejn. Is-Sindku qal li din il-problema qed tiġi ndirizzata mir-Reġjun t'Għawdex ukoll. Il-Kunsill qabel li jinkera l-*high up* tal-Armar biex isir il-bexx, dejjem jekk dan huwa disponibbli. Is-Sindku informa lill-preżenti li diġà hemm palma marida fi triq Wied ir-Rajjes li ġiet rappurtata mill-Kunsill, u din ser tinqala' din il-ġimgħa.

- 18/10/2013 – laqgħa ma' Maria Debono, minn Dar Gużeppa Debono, fejn tixtieq tagħmel *open day* fil-*weekend 14-15* ta' Diċembru, u qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill biex jirreklama din l-attività waqt Bethlehem f'Għajnsielem.

- 20/10/2013 – saret l-attività tat-tberik tal-annimali ħdejn il-Knisja tal-Patrijiet, li għaliha attendew is-Sindku, Peter Caruana, Stephen Mercieca u s-SE. Kienet attività ta' suċċess fejn ukoll ipparteċipaw l-*iscouts* tal-Mosta.

- 21/10/2013 – is-SE flimkien mal-konsulenta Krista Farruga attendew għal *steering and monitoring* meeting fuq il-proġett Green Infranet li saret f'Ċipru. Is-SE qalet li s-suġġett primarju ta' dawn il-laqgħat kienu biex issir diskussjoni fuq x'tip ta' *network* jista' jiġi ffurmat bejn il-*partners* ta' dan il-proġett. Dan biex wara li jiġi fi tmiemu, ikun hemm xorta l-possibiltà ta' ħidma flimkien u jkunu jistgħu jitwettqu l-proġetti li saru l-istudju fuqhom, permess ta' fondi mill-UE. L-ideat kienu li jew jiġi ffurmat *partnership agreement* jew *legal entity organization.* Is-SE qalet li l-*partners* minn Ċipru se jistudjaw aktar iż-żewġ ideat u jagħtu rapport lil kull partner biex wara l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi. Is-SE saqsiet ukoll lill-Kunsill x'tip ta' rapport jixtieq mill-konsulenta fuq in-*nature trail* li jixtieq jistudja l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jsir rapport dettaljat kemm jista' jkun, li jkun hemm ġo fih l-ispejjeż kollha involuti u x'permessi hemm bżonn.

- Quddiesa b'risq il-Vittmi tal-Gwerra – il-Kunsill qabel li ssir nhar l-10 ta' Novembru, fil-quddiesa tal-10am fil-Knisja Madonna ta' Loreto. Issir stedina lill-Banda San Ġużepp biex iddoqq il-Fanfarra. Sar suġġeriment minn Franco Ċiangura biex qabel il-Fanfarra tindaqq is-serena tal-Gwerra. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u sar ftehim li Franco se jieħu ħsieb li jsir dan.

- Għajn tal-Hasselin – ir-residenti reġgħu lmentaw rigward l-għoli tal-filati fil-*belvedere* tal-Għajn. Uffiċjali tal-MEPA żaru l-post u dawn qablu li l-bini qiegħed skont il-permess. Il-Perit bagħat jistaqsi lill-MEPA jekk tistax titneħħa filata jew

tnejn mill-appramorta, u din kiteb lill-perit biex jibgħat il-pjanti kif qed jipproponi l-Kunsill. Il-Perit għandu jibgħat dawn fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku qal li huwa ġie kkuntatjat ukoll mill-Ministru għal Għawdex fuq dan il-każ u qalu li l-Kunsill kien qiegħed jistenna risposta minn għand il-MEPA.

- Ittra minn Dun Manuel Curmi fejn talab lill-Kunsill biex isir *fund raising* f'Bethlehem f'Għajnsielem b'risq l-Arka. Se tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat Organizzattiv ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

- Ittra mingħand il-Kumitat tal-Promozzjoni Umana biex il-Kunsill jidħol fl-organizzazzjoni tal-ħarġa għall-anzjani li ssir kull sena fir-raħal. Approvata s-somma ta' €200.

- Reklamar fuq is-sit di-ve.com għall-Bethlehem f'Għajnsielem – il-Kunsill ma qabilx li jħallas għar-reklamar ta' din l-attività.

- Korrispondenza mill-Go Plc. rigward it-*telephone box* fit-Triq Ħamri – Il-Go Plc qed jgħidu li m'għadiex tintuża frekwentament u għalhekk qegħdin jipproponu li tinqala. Il-Kunsill ma qabilx li tinqala, għax filfatt din hi l-aktar *telephone box* li tintuża fir-raħal. Għalhekk qabbad lis-SE biex tirrispondi hekk u qabel ukoll li għandha ssir waħda aktar moderna u iżgħar.

- Mera fit-Triq Mġarr faċċata Triq ta' Lelluxa – approvata minn TM.

- *Screening letter* rigward l-applikazzjoni mal-MEPA tax-Xatt l-Aħmar – korrispondenza mill-MEPA biex jitranġaw xi affarijiet fil-pjanti. Se jieħu ħsieb jirrispondi l-Perit Godwin Sultana.

- Laqgħa Annwali għal-Gozo Business Chamber – se issir fit-8 ta' Novembru.

- Memo 25/2013 – Skema ta' inizjattivi għall-attivitajiet kulturali. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għall-fondi bħas-soltu fuq Bethlehem f'Għajnsielem.

- Ittra mingħand Dr. Joseph Borg fejn informa lill-Kunsill li qed jagħmel studju fuq Kemmuna u qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex jgħin f'dan l-istudju. Il-Kunsill qal li diġà qed isiru diversi studji minn persuni u entitajiet oħrajn u għalhekk ma jistax jgħin.

- Ittra mill-Ministeru tat-Transport u l-Infrastruttra fejn qed jinforma lill-Kunsill li l-programm LIFE+ ġie approvat li tiġi installata *charging point* fl-Imġarr quddiem l-Għassa. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.

- MOC Sports Awards 2013 – is-SE informat lill-Kunsill li applikat għal dan il-premju fuq l-ħidma tal-Kunsill biex twaqqaf it-*team* tar-Redcoats fir-raħal. Il-Kunsill approva li sar hekk.

- Korrispondenza mill-MEPA – saret *PC application* fit-Triq Mgarr, fejn jispiċċa l-bini taċ-Ċiantar. Din il-parti kienet *green area* u li issa saret tajba għal bini. Is-Sindku qal li din kienet ġiet approvata fil-Local Plan ta' Għawdex u Kemmuna.

- Korrispondenza mill-MEPA – informat lill-Kunsill li ħareġ il-permess t'estenzjoni tal-Farm t'Anġolina fejn fil-permess daħħlu xi kundizzjonijiet li kien ppropona l-Kunsill.

- Għajn tal-Hasselin – il-Kunsill irċieva l-permess il-ġdid (PA729/13) mill-MEPA.

- Kont tal-Enemalta fuq il-Latrini fil-Pjazza Madonna ta' Loreto – Is-SE spjegat li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet, b'ittra mingħand id-Direttur Portelli mill-MGOZ, fejn qed jitlob biex dawn il-kontjiet jibdew jitħalsu mill-Kunsill. Il-*meter* tad-dawl għadu fuq isem il-MGOZ ukoll. Is-Sindku qal li ser isemmiha fil-laqgħa tar-Reġjun u ssir diskussjoni bejn is-Sindki.

- Ittra mill-Football Club Għajnsielem fejn talbu għal-laqgħa mal-Kunsill. Se issir nhar it-30 ta' Ottubru fis-7pm.

- Pjanta mill-Perit Scerri bil-proposta ta' Traffic Management fit-Triq Bengħazi , kantuniera ma' Triq Borg Għarib. Il-Kunsill qabel mal-pjanta li pprepara l-Perit.

4. **Prempju Ġieħ Għajselmiż u programm tal-ġimgħa t'Għajnsielem**
Dan il-premju jiġi deċiż fil-laqgħa li jmiss u l-Kunsill qabel li kull kunsillier jipproponi mhux iżjed minn żewġ persuni. Issir serata u riċiviment fil-Grand Hotel.

5. **Ħruġ t'Offerti: Tiżjin tad-dawl fit-toroq għal-Milied u *Life Streaming Camera***
Tiżjin tad-Dawl fit-Toroq – 1 offerta: Chris Gauci €2,550. Is-Sindku qal li għandna nitolbu għal klarifikazzjoni fuq il-qisien tal-armar li ser juża l-kuntattur.

   *Life Streaming Carmera* – 1 offerta: Correct Termination Ltd. €5,487. Issir klarifikazzjoni mad-DLG peress li qabeż l-ammont ta' kwotazzjoni.

6. **Bethlehem f'Għajnsielem – Analizi ta' x'ġara mill-aħħar laqgħa**
   - Is-Sindku qal li saru 7 laqgħat tal-Kumitat Organizzativ ta' Bethlehem f'Għajnsielem.
   - Saret l-applikazzjoni mal-MEPA b'DNO mill-Perit Scerri
   - 5/10/2013 – is-Sindku ġie mistieden mill-Ministru Anton Refalo għal laqgħa mac-CEO tal-MEPA. Tul din il-laqgħa, is-Sindku ta rendikont fuq dawn l-aħħar sentejn u nofs tal-applikazzjoni fuq il-proġett Ta' Passi. Ic-CEO tal-MEPA wiegħed lis-Sindku li se jtella' dan il-*file* bord fl-ewwel laqgħa li kien imiss biex ikompli miexi l-proċess.

- 13/10/2013 - saret żjara mill-Ministru Anton Refalo f'Ta Passi fejn fost l-oħrajn kien hemm is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsilliera. Is-Sindku ġie intervistat għal fuq l-aħbarijiet ta' TVM.
- Inbidel, kif kien approvat mill-Kunsill bil-fomm, il-meter tad-dawl li hemm fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru, biex sar 3 *phase.* Sar ħlas ta' €900.
- Franco Ċiangura qal li din is-sena l-lukanda mhux ser issir iżda minflok ser jinbena maħżen tal-ġebel li ser jintuża biex isir l-artiġġjanat ġo fih. Ser tinbena wkoll kamra żgħira għall-*metre* tad-dawl. Franco ta rendikont tax-xogħol li qed isir, u jidher li l-progress tax-xogħol sal-lum qiegħed mal-ħin. Qed jinħadem *bridge* tal-injam minn Peter Caruana għal fuq il-pond tal-papri u ħaddiema oħra mic-CMU qed jagħmlu x-xogħol ta' bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Hemm bżonn li jiġu rreġistrati l-mogħoż li twieldu f'Ta Passi. Franco ser jieħu ħsieb dan.
- Franco ħareġ bl-idea li s-Slaten Maġi din is-sena jitilqu minn Tolfa, jgħaddu mill-Vatikan u wara jaslu Malta. Hemm il-ħsieb li jistgħu jagħmlu lejl Malta fejn wara jitilqu mill-Mellieħa u jaslu ta' Passi nhar il-5 ta' Jannar 2013 fit-3.30pm. Ġie deċiż li issir laqgħa mal-MTA, Airmalta, Ministeru għal Għawdex u Mons. Alfred Xuereb biex tiġi kkoordinata din l-attività. Tiġi diskussa wkoll waqt il-laqgħa tal-Kumitat Organizzativ ta' Bethlehem f' Għajnsielem.

7. **Proponiment biex isir rapport iddettaljat fuq iz-zona Ta' Passi biex jigi prezentat lill-MEPA b'talba biex isir emendi fil-Local Plan u din iz-zona tigi mmnizla bhala *Sports/Recreational/family park.***

Is-Sindku qal li dan ir-rapport diġà jeżisti, u għalhekk is-Sindku ppropona li nitolbu lill-MEPA biex jinbidel it-titlu taż-żona fid-dokument tal-Pjanijiet Lokali.

8. **Memo 26/2013 - Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali**

Isir avviż fuq il-bullettin biex japplika min hu interessat fejn jekk ikun hemm iżjed minn wieħed/waħda, l-għażla issir biex xorti fil-laqgħa t'urġenza nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru 2013.

9. **Customare Care**
   - *Double yellow line* u *single yellow lines* fit-Triq Baħħara – approvata mill-Kunsill.
   - *Disabled parking* – issir applikazzjoni mir-resident lill-TM.
   - Ilment li jkun hemm boroż suwed ħdejn residenza ta' Raymond Grech, fit-Triq Cordina. Dawn qed jintefgħu minn residenti mhux minn Għajnsielem .

## 10. Materji Oħra

Francis Cauchi

- Installazzjoni ta' bozza ġdida fuq arblu fit-Triq il-Briegħen – approvata.

Stephen Mercieca

- Tħarrik ta' bozza fi Triq Fuq il-Għajn u tiġi mwaħla mar-residenza ta' Micheal Mizzi – il-Kunsill qabel li Stephen irid iġib l-approvazzjoni mingħand Micheal Mizzi.

- Tiġi trimjata ħarruba quddiem il-Knisja tal-Patrijiet, fit-Triq Sant Antnin – din qegħdha f'art privata.

- Issir bandla ġdida taż-żgħar fil-Playing Field tal-Gudja – approvata.

Larry Buttigieg

- Bozza fit-taraġ ta' Lourdes – issir kommunikazzjoni mal-Enġiniera tal-Enemalta biex forsi tinsab soluzzjoni ta' kif tista' tiġi kkonettjata din il-bozza.

Peter Caruana

- Kwistjoni tal-ilma fit-Triq Malta – is-Sindku qal u ssugerixxa li jsir survey tat-triq bil-livelli qabel tittieħed deċiżjoni – il-Kunsill qabel.

- Issir tabella tal-klieb fil-playing fields.

Franco Ciangura

- Jingħataw €150 oħra lill-Għaqda Armar ghaliex kien sar żball fl-ammont ta' kemm jiswa l-ħabel – approvata mill-Kunsill.

- issuġerixxa li l-Kunsill jinnomina persuna emigrata u tingħata premju

### Tmiem il-laqgħa

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru, fit-3.00pm is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.40pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv